Semantikament l-aktar kelma interessanti hija dik fin-numru 3. Il-kelma hija *iferragh* u tfisser xejjen jew ghamel fieragh, vojt; u trid tfisser il-verb Latin *exinanivit*. San Pawl juża din il-kelma biex juri kif Kristu xejjen jew żvojta lilu nnifsu. Dan hu il-kuntest tal-kelma fil-Priedka.

Interessanti wkoll il-verb *jitfiemhu* li aktarx irid jinqara *jitfiehmu*. Il-lum sirna nghidu *jiftiehmu*. Il-verb kif nghiduh il-lum jidher eċċezzjoni ghaliex dawn il-verbi jitfghu il-prefiss (t) qabel l-ewwel radikali kif insibu fil-Priedka.

Hemm punti ohra li wiehed jista' jiddiskuti darba ohra.

## Jesu Dulcis Memoria

(Anon. Sek. 12. Traduzzjoni: P. Galea Curmi)

O Ġesù helwa tifkirtek,
Tassew tferrah il-qalb taghna
Iżda ohla wkoll mill-ghasel
Il-preżenza tieghek maghna.

Ghanja helwa qatt ma nstemghet
Kliem ferriehi qatt ma tlissen
Lanqas hsibijiet ta' hlewwa,
Bhal Ġesù ta' Alla l-Iben

Ġesù tama tar-ruh niedma
Kemm hanin ma' min iridek!
Liema tieba ghal min ifittxek!
X'Int imbaghad ghal min isibek?

La bil-fomm anqas bil-kitba
Hadd ma jista' qatt l-imhabba
Lejn Ġesù sewwa jfissirha:
Jemmen biss min iġarrabha

Kun Ġesù il-ferh kbir taghna,
Int bik stess il-premju ttina:
Kun ukoll ghalina l-glorja,
Li ghal dejjem ghad turina. Amen.



# L-Awto-Ġudizzju

*(Nota fuq l-Ghasfur taċ-Ċomb ta' Oreste Calleja)*

Dr. Charles Briffa

Il-konfront bejn il-bniedem u l-kuxjenza tieghu minn dejjem newwel temi serji fil-letteratura mondjali. Fl-istruttura drammatika ta' Ghasfur Taċ-Comb (1993) it-tensjoni tematika bejn il-karattri u l-ghemejjel taghhom twassal ghal żvolġiment ta' ġrajja li tikxef konflitti interni li kaġun taghhom il-htija ma tista' tindifen qatt taht it-trab tat-tnessija minhabba l-kuxjenza. Il-bniedem iwettaq ghemil, u dan it-twettiq jitferra' mir-rieda hielsa tieghu. Imbaghad jasal mument meta jkollu jaffronta lilu nnifsu dwar dak l-ghemil. Hekk ġralha n-nanna: saret omm. Omm li ċahdet lit-tarbija tal-halib taghha ghax din ma kinetx normali. Ma ridetx thobbha lanqas "kull tliet sighat" (It-Tielet Att). U hawn l-udjenza tibda tithasseb: mela l-imhabba tal-ġenituri bil-hin? L-imhabba m'ghandhiex ikollha hin. Ghandha tkun erbgha u ghoxrin siegha kuljum. Imma mhux in-nanna. Bhalha omm riedet terġa' ssabbatha lura ma' wiċċ Alla: "U minn dakinhar roddejtu lura lil alla, u tlabtu jiehdu lura." (It-Tielet Att). U kif tispiċċa? Minkejja li darba kienet mara sabiha, tinhakem minn marda qerrieda li tibda tikolha minn ġewwa (L-Ewwel Att).

Dan l-uġigh ġewwieni huwa t-tpattija tat-twettiq ta' l-ghemil u nifhmu bla tnikkir kif il-hajja tal-bniedem trid titkejjel skond il-kuxjenza tieghu. Ir-realtà tinsab meta l-bniedem jiġi wiċċ imb'wiċċ mal-kuxjenza tieghu: dik il-gwida li skond San Pawl qieghda stampata fin-natura umana sabiex tahdem bhala ghassies morali effettiv. Oreste Calleja f'dan id-dramm juri kif il-karattru jissawwat minn din il-kuxjenza. Isimghu daqsxejn kif Ernest Hemingway fisser il-kuxjenza: *What's good is what I feel good after. What's bad is what I feel bad after.* Issa, meta Hemingway lissen dan il-kliem kien qieghed b'mod fin jittratta t-test li minnu johroġ il-valur tal-hajja. Billi l-bniedem ihoss it-tajjeb u l-hażin nistghu nghidu li azzjonitu tfaqqas minn ġewwa. L-gharfien morali (maghruf bil-Grieg bhala s-*syneidesis*) jaghżel lill-bniedem mill-bhima u fl-istess hin itaqqal lill-istess bniedem bil-piż ta' l-awto-ġudizzju.

Wara d-difna ta' Eżra, Calleja jheżheż lin-nanna bi "hsieb irxuxtat mill-imghoddi" u tinfexx thewden dwar l-imhabba (It-Tielet Att). U tasal din il-bniedma mtaqqla biex tistqarr htijieha wara żmien twil iġġorr dik il-ġebla-mażżra tqila f'sidirha